## Stqarrija Stampa

L-għaqdiet mhux governattivi li irrikorrew għand il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem biex iwaqqfu id-diportazzjoni tal-immigranti Somali lejn il-Libja huma impenjati li jaħdmu mal-gvern fi sforz biex jingħata aktar sostenn mill-Unjoni Ewropeja (UE), u li jipparteċipaw fi djalogu strateġiku dwar it-trattament tal-immigranti f'Malta.

Infaħħru lill-gvern talli irrispetta id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea u waqaf milli jibgħat lura lill-immigranti li waslu nhar id-9 ta' Lulju.

Aħna nifhmu l-pressjoni maħluqa mill-wasla tal-immigranti irregolari u nappoġjaw is-sejħiet tal-gvern Malti għal aktar solidarjeta' bejn l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll apprezzament aħjar għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' Malta. Madanakollu, huwa inaċċettabli li nies innoċenti jiġu użati għal skopijiet politiċi f'miżuri illegali u ta' ħsara.

Aħna ser nagħmlu l-almu kollu tagħna biex nappoġjaw l-isforzi kollha tal-gvern biex jassigura appoġġ akbar mill-UE meta dan isir permezz ta' mezzi politiċi, imma mhux jekk dan isir għad-dettriment tal-ħajja u s-sigurta' ta' individwi.

Li pajjiżi bħal-Libja jiġu meqjusa bħala parti mis-soluzzjoni għal-problema tal-immigrazzjoni irregolari huwa ċertament prematur. Il-Libja huwa pajjiż li qed jitqabad biex jirkupra minn snin twal ta' tmexxija awtoritarja u fl-istess ħin jibni stat demokratiku f'kuntest ta' instabbilta' u problemi kbar fejn tidħol l-infurzar tal-liġi. Huwa sinjal pożittiv li l-Libja wriet ix-xewqa li tiffirma konvenzjonijiet internazzjonali, imma dan il-fatt biss m'huwiex garanzija ta' rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem.

Nappellaw lill-Gvern biex jieqaf milli jidhol fi ftehim mal-Libja għar-ripatrijazzjoni tal-immigranti sakemm is-sitwazzjoni f'dan il pajjiż tkun tali li d-drittijiet tal-bniedem, inkluż tal-immigranti, jkunu effettivament prottetti. Nappellaw lill-gvern biex, jekk jasal għal ftehim bhal dan, jagħmel il-ftehim pubbliku sabiex ikun miftuħ għal skrutinju demokratiku.

Nappellaw ukoll lill-President tal-Kunsill Ewropew, is-Sur Herman Van Rumpoy, li qed iżur Malta illum, sabiex jaħdem biex jassigura li l-Istati membri tal-UE juru solidarjeta' u jipprovdu appoġġ lil stati membri li, bħal Malta, qegħdin jiffaċċjaw ċirkostanzi partikolari, sabiex jipprovdu protezzjoni lil dawk kollha li jiġu bżonnha.

**Data: 11 ta' Lulju 2013**

*aditus foundation, Jesuit Refugee Service (Malta), Migrant's Network for Equality, SOS Malta, Malta Emigrants' Commission, KOPIN, Integra Foundation, Foundation for Shelter and Support of Migrants, Organisation for Friendship in Diversity, People for Change Foundation*